# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta ta' l- 21 ta' Jannar 2020

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Micallef)**
**vs**

**James Debono**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, **James Debono** bin Emmanuel u Grace neè Grima, imwieled Pietà, nhar l-ghaxra (10) ta' April 1989, detentur tal-karta tal-identità numru 182389(M), u joqghod numru 16, Entrance B, Flat 6, Triq P. Borg Olivier, Birkirkara:

Talli nhar it-22 ta' april 2011, ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofs inhar (16:00), f'dawn il-Gzejjer u cioè fi Triq ix-Xatt, Pietà, waqt li kont qieghed issuq vettura tal-ghamla Kia Picanto bin-numru tar-registrazzjoni ABK 231:

(1) B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament ikkagunajt feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' George Ronayne hekk kif iccertifikat minn Dr Conrad Borg M.D. (med. Reg. no. 2631) tal-isptar Mater Dei.

Il-Prosekuzzjoni talbet li barra li tinfliggi l-piena marbuta ma' dawn ir-reati, tordna lill-Imputat ihallas l-ispejjez relattivi a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali moghti fl-10 ta' April 2013 sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja skont l-Artikolu 370 (4) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)[1].

Rat li l-Ezami tal-Imputat skont l-artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kodici Kriminli u ddikjarazzjoni tal-Imputat li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja wara li nghata zmien xieraq biex iwiegeb[2]

Rat il-process verbal (Dok. SF) redatt mill-Magistrat Joseph Apap Bologna u li gie trasmess lil din l-Qorti mill-Avukat Generali nhar id-19 ta' Frar 2015[3].

Rat il-fedina tal-Imputat li hija wahda netta.

Semghet lix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet.

IKKUNSIDRAT:

Illi dan il-kaz jittratta dwar incident tat-traffiku li sehh nhar it-22 ta' april 2011 fi Triq ix-Xatt, Pietà, ghal habta ta' l-erbgha ta' wara nofsinhar (16:00). F'dan l-incident kienu nvoluti l-vettura tal-kiri tal-marka Kia Picanto bin-numru tar-registrazzjoni ABK 231 misjuqa mill-Imputat u karozzin li kellu s-serial number 103 misjuq minn George Ronayne. L-incident sehh meta l-vettura Pia Picanto laqtet minn wara l-imsemmi karozzin u l-kuccier George Ronayne wegga' gravi.

Illi f'dawn il-proceduri xehdu ghadd ta' xhieda inkluz it-tabib Dr Conrad Borg li kien ezamina lil George Ronayne u hareg ic-certifikat mediku[4]. Huwa qal li ezamina lil George Ronayne nhar it-22 ta' April 2011 fil-5:45 pm u rrizultalu li dan tal-ahhar kien sofra ksur tal-ghadam tal-imnieher, kellu qasma taht imniehru, qasma fuq ix-xoffa t'isfel, tilef wahda mis-snien

[1] A fol. 5 tal-process
[2] A fol. 15
[3] A fol. 14
[4] A fol. 111

ta' quddiem u kellu emorogija zghir fil-mohh fuq in-naha ta' quddiem. Skont dan ix-xhud, il-feriti kienu ta' natura gravi.[5]

Xehed bil-gurament George Ronayne fejn qal li nhar il-Gimgha l-Kbira tas-sena 2011 huwa kien sejjer izarma mix-xoghol mill-Pietà ghall-Msida. Huwa sema' brejk u meta fetah ghajnejh wara sab ruhu l-Isptar. Huwa qal li kien intlaqat minn vettura li giet minn wara u ntrema' 'l barra mill-karrozzin. Dam l-Isptar sebat ijiem. Qal li kiser imniehru u tajjar sinna mad-daqqa storda u ma kienx jaf x'gara. Operawh f'imniehru u ghamlulu l-punti. Illum qal li mghadux jahdem ta' kuccier izda jsuq taxi. L-assigurazzjoni kienet hallsitu ghad-danni li sofra.

PS 1575 Robert Fava xehed billi pprezenta l-okkorrenza (Dok. RF)[6] u kkonferma bil-gurament li kien ha l-verzjonijiet tal-partijiet dwar kif sehh l-incident.

Fid-depozizzjoni guramentata taghha Cassandra Falzon xehdet[7] li hija kienet qieghda ssuq wahidha wara l-vettura tal-Imputat. Hi u l-Imputat kienu jahdmu flimkien u kienu ghadhom kif spiccaw mix-xoghol taghhom. Huma kienu qieghdin isuqu fid-direzzjoni tal-Msida. Hija rat karozza bajda taqla' minn quddiem il-vettura tal-Imputat u taghmel sorpass. Hija qal li l-Imputat "*sab il-karozzin quddiem wiccu*" u baqa' diehel fil-karozzin. Hija kienet nizlet mill-vettura taghha biex tara x'gara u rat lill-kuccier bid-demm f'wiccu jipprova jikkalma z-ziemel. Giet ambulanza u hadet lill-kuccier l-isptar. Hi u l-Imputat marru mieghu li kien inzamm l-isptar. Il-Qorti staqsietha dwar x'distanzi kien hemm bejn il-vetturi u l-karozzin u hija qalet li "*bhala karozzi, le, ma konniex 'il boghod minn xulxin*". Hija kienet indunat bil-karozza l-bajda meta l-Imputat kien ha brejk. Ma kinitx taf jekk il-karrozza l-bajdea kinitx xeghlet indicator qabel qasmet fil-karreggjata l-ohra. Il-Qort staqsiet lix-xhud jekk waqt li kienet qieghda ssuq ratx il-karrozzin u hija wiegbet hekk: "*Rajtu. L-ewwel nies qieghed fl-gholi l-korozzin. U jiena ghandi karrozza zghira.*"[8] Id-distanza kien madwar tul l-Awla fejn kien qieghed isir is-smiegh ta' din il-kawza. Hija wkoll hadet brejk biex ma tolqotx il-vettura tal-Imputat li kien quddiemha[9].

[5] A fol 162 -163
[6] A fol 141
[7] A fol 166 sa 167
[8] A fol 175
[9] A fol 176

Wara d-debita twissijiet skont il-Ligi, l-Imputat ta stqarrija bil-gurament[10] u cioè:

"*Kif jiena qbist ir-roundabout li hemm fi Triq ix-Xatt, jiena kont qed insuq fil-karregjata ta' barra. Quddiemi kien hemm vettura u din bdiet issuq bil-mod. Ghaldaqstant jiena qbist fuq il-karregjata ta' gewwa. Meta jiena kont qed insuq fil-karregjata tieghi kien hemm vettura ta' ghamla Volkswagen mudell Polo fejn din qabzet fuq il-karregjata li jiena kont qed insuq fiha u giet quddiemi. Is-sewwieq tal-Polo kien ghaddej b'certu velocità u jiena kont qed nigri warajh peress li t-triq kienet vojta. F'daqqa u l' hin is-sewwieq tal-Polo minghajr indikazzjoni qaleb il-karregjata u quddiemi jiena sibt il-karozzin. Ghaffast il-brejkijiet izda ghal xejn u bqajt diehel gol-karozzin. Bid-daqqa l-kuccier inqaleb minn fejn kien u waqa' mal-art.*"

B'riferenza ghall-dan l-incident kienet inzammet inkjesta u nhatru diversi esperti biex ighinu lil din l-Onorabbli Qorti. Dawn l-esperti kienu AIC Richard Aquilina bhala espert tekniku sabiex izomm access u jaghmel pjanta tal-post tal-incident, Dr Mario Scerri bhala espert mediku legali, PS 74 Mark Chetcuti bhala scene of the crime officer u Mario Buttigieg bhala espert f'materja ta' traffiku.

Illi minn dak li jidher mill-pjanta, ir-ritratti tax-xena fejn sehh l-incident de quo u mill-kostatazzjonijiet li ghamlu l-esperti msemmija hawn fuq jirrizultaw diversi fatturi li m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwarhom:

i. L-incident kien sehh fi Triq ix-Xatt, Tal-Pietà nhar it-22 ta' April 2011 fi Triq ix-Xatt, Pietà, ghal habta ta' l-erbgha ta' wara nofsinhar (16:00). F'dan l-incident kienmu nvoluti l-vettura tal-kiri tal-marka Kia Picanto bin-numru tar-registrazzjoni ABK 231 misjuqa mill-Imptat u karozzin li kellu s-serial number 103 misjuq minn George Ronayne.
ii. L-incident sehh meta l-vettura Pia Picanto kienet qieghda tinsaq b'manjiera perikoluza u traskurat u b'velocità eccessiva [79 kilometri fis-siegha] u b'hekk laqtet minn wara l-imsemmi karozzin.[11]
iii. Kien hemm brakemarks u nstab tahkik u briex frisk.[12]

---

[10] A Fol 82 sa 83
[11] Ara l-konkluzjonijiet tal-espert tat-traffiku a fol 101
[12] Ara l-konkluzjonijiet tal-Perit a fol 33

iv. Il-kuccier George Ronayne waqa’ minn fuq il-karozzin u wegga’ gravi u skont l-Espert fil-Medicina Forensika “... *il-lezjonijiet huma ta’ natura gravi per durata*.”[13]

Stabbilita liema kienet il-kawza prossima tal-incident de quo, din il-Qorti trid tghaddi issa biex tara b’liema mod l-Imputat kien qieghed isuq il-vettura tieghu. Fl-ewwel lok, minnu kien mehtieg li jzomm a proper look-out. Dwar dan l-obbligu ta’ proper look-out minn sewwieq il-gurisprudenza taghna hija profuza u kostanti. Fil-kawza Il-Pulizija vs. Noel Gauci[14], il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

“Gie appropositu ritenut li hu dover ta’ driver ‘to see what is in plain view” (Appell Kriminali: Il-Pulizija vs. Joseph Vella [10/08/1963] u li ‘min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout’ (Appell Kriminali: Il-Pulizija vs J.M. Laferla [17/06/1961])”.

Minn ezami retta li ghamlet tal-provi u sahansitra dak li xehdet ix-xhud Cassandra Falzon, u cioè li minkejja li kienet zewg karozzi ‘l boghod mill-karozzin setghet tara lill-istess karozzin ghax kien ghola mill-karozzi, din il-Qorti hi konvinta li l-Imputat ma kienx qieghed izomm a proper lookout. Huwa kien qieghed isuq quddiem vettura zghira li s-sewwieqa taghha kienet rat quddiemhom li kien hemm karozzin. Huwa ntebah bil-karozzin sewwa sew meta l-vettura li kienet wara l-karozzin u quddiem il-vettura tal-Imputat ghamlet manuvra f’daqqa wahda u ssorpassat il-karrozzin. Minhabba li l-Imputat ma kienx qieghed izomm a proper lookout u kien qieghed isuq b’velocità ta’ 79 kfs, ma lahaqx ikkontrolla l-vettura tieghu u jaghmel manuvra evaziva. Huwa baqa’ diehel fuq wara tal-karozzin u sehh l-incident de quo fejn il-kuccier tal-karozzin sofra offiza gravi.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-Imputat hati tal-ewwel akkuza kif migjuba kontra tieghu.

Ghall-fini ta’ piena din il-Qorti tinnota li l-Imputat permezz tas-Socjetà Assikuratrici tieghu gja hallas lil George Ronayne a saldu d-danni kollha sofferti kif ukoll il-fedina penali netta tieghu u ghalhekk, piena karcerarja m’hijiex xierqa u m’ghandhiex tigi imposta stante li l-istess Imputat ikkoopera minnufih mal-awtoritjajiet.

---

[13] Ara l-konkluzjonijiet tar-relazzjoni tal-Espert fil-Medicina Forensika a fol 133 sa 134

[14] Appell Kriminali Numru 32/2004/JGD deciz nhar il-25 ta’ Marzu 2004

Decide:

Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 15 (1)(a), (2) u (3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 218 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 226 (1) (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, issib lill-akkuzat hati tal-ewwel imputazzjoni u tikkundanna lill-istess Imputat ghall-piena tal-multa fis-somma ta` €4,658.75 (erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin euro u hamsa u sebghin centezmu) u tordna li jhallas l-ammont ta' €1,397.85 (elf, tlett mija u sebgha u disghin euro u hamsa u tmenin centezmu) ispejjez relattivi a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**